



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0094/2014

6.2.2014

RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar l-Impriża Konġunta taċ-
Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2
(COM(2013)0506 – C7-0256/2013 – 2013/0245(NLE))

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Rapporteur: Vladko Todorov Panayotov

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu **■** jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
NOTA SPJEGATTIVA	47
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	51

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar l-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2
(COM(2013)0506 – C7-0256/2013 – 2013/0245(NLE))

(Konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2013)0506),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 187 u l-Artikolu 188, l-ewwel paragrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema Artikoli ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0256/2013),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A7-0094/2014),
1. Jagħti opinjoni favorevoli dwar il-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni biex timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
 3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Ir-Regolament (UE) Nru .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ... **2013 li jstabilixxi** Orizzont 2020 – **Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)**¹¹ **jimmira** li

Emenda

(4) Ir-Regolament (UE) Nru **1291/2013** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹ ("**il-Programm Qafas** Orizzont 2020") **ifittex** li jkollu impatt ikbar fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni billi jikkombina **l-**

jkollu impatt ikbar fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni billi jikkombina ***l-Programm Qafas Orizzont 2020*** u fondi tas-settur privat fi ***sħubiji pubbliki-privati*** f'oqsma ewlenin fejn ***ir-riċerka*** u l-innovazzjoni ***jistgħu*** jikkontribwixxu għal għanijiet usa' fil-kompetittività u jgħinu biex jintrebħu sfidi fis-soċjetà. L-involviment tal-Unjoni f'dawn is-sħubijiet jista' jieħu l-forma ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji għal ***intrapriżi*** konġunti stabbiliti ***fuq l-Artikolu 187*** tat-Trattat ***fuq Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE***.

finanzjament taħt il-Programm Qafas Orizzont 2020 u fondi tas-settur privat fi ***sħubijiet pubbliki-privati*** f'oqsma ewlenin fejn ***ikun possibbli li r-riċerka*** u l-innovazzjoni jikkontribwixxu ***għall-għanijiet*** usa' ***tal-Unjoni*** fil-kompetittività, ***jagħtu spinta lill-investimenti privati b'mod aktar effettiv*** u jgħinu biex jintrebħu sfidi fis-soċjetà. ***Dawk is-sħubijiet għandhom ikunu msejsa fuq impenn fit-tul, inkluża kontribuzzjoni bilanċjata mis-sħab kollha, ikunu responsabbli għall-kisba tal-miri tagħhom u jkunu allinjati mal-għanijiet strateġiċi tal-Unjoni relatati mar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni. Il-governanza u l-funzjonament ta' dawk is-sħubijiet għandhom ikunu miftuħa, trasparenti, effikaċi u effiċjenti u jagħtu lil medda wiesgħa ta' partijiet interessati attivi fl-oqsma speċifiċi ta' dawk is-sħubijiet l-opportunità li jipparteċipaw.*** L-involviment tal-Unjoni f'dawn is-sħubijiet jista' jieħu l-forma ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji għal ***impriżi*** konġunti stabbiliti ***abbażi tal-Artikolu 187*** tat-Trattat ***dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) skont id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE***.

¹¹ ĠU ... [H2020 FP]

¹¹ ***Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).***

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Skont ***id-Deċiżjoni (UE) Nru [...] /2013***

PE522.764v01-00

Emenda

(5) Skont ***il-Programm Qafas***

6/51

RR\1018391MT.doc

*tal-Kunsill ta' [...] 2013 li tistabbilixxi l-Programm Speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 (2014-2020)*¹², għandu jingħata iktar appoġġ lill-impriżi konġunti kif stabbilit *f'Deċiżjoni* (UE) Nru 1982/2006/KE taħt il-kundizzjonijiet speċifikati *f'Deċiżjoni (UE) Nru [...] /2013*.

¹² ĠU ... [H2020 SP].

Orizzont 2020 *u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE*¹² għandu jingħata iktar appoġġ lill-impriżi konġunti kif stabbilit *fid-Deċiżjoni* (UE) Nru 1982/2006/KE taħt il-kundizzjonijiet speċifikati *fil-Programm Qafas Orizzont 2020 u fid-Deċiżjoni 2013/743/UE partikolarment l-Artikolu 31 tal-Programm Qafas Orizzont 2020 u f'konformità sħiħa mal-prinċipji ġenerali stabbiliti f'dak il-Programm, partikolarment il-prinċipji dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-aċċess miftuħ*.

¹² *Id-Deċiżjoni (UE) Nru 2013/743/UE tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965)*.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Sabiex tilħaq l-għanijiet tagħha, l-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 għandha ttipprovdi **appoġġ finanzjarju**, prinċipalment fil-forma ta' għotjiet lill-partekipanti wara sejħiet miftuħa u **kompetittivi għal proposti**.

Emenda

(9) Sabiex tilħaq l-għanijiet tagħha **u biex tiżgura li atturi u finanzjaturi żgħar ukoll jibbenefikaw bl-istess mod**, l-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 għandha ttipprovdi **l-kontribuzzjoni tal-UE lill-azzjonijiet bi proċeduri miftuħa u trasparenti** prinċipalment fil-forma ta' għotjiet lill-partekipanti wara sejħiet **kompetittivi** miftuħa u **trasparenti**.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9a) Il-kontribuzzjonijiet tal-Membri tal-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 għajr l-Unjoni jistgħu jinkludu wkoll kontribuzzjonijiet in natura. Meta jintużaw kontribuzzjonijiet in natura, għandha tingħata attenzjoni partikolari għat-trasparenza u s-simplifikazzjoni tal-użu tagħhom, kif ukoll għall-konformità tagħhom ma' regoli u proċeduri applikabbli oħra. Dan ir-Regolament għandu għalhekk, fost l-oħrajn, jindika l-ammont tat-tipi differenti ta' kontribuzzjonijiet in natura tal-Membri tal-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2, għajr l-Unjoni, fl-attivitajiet tal-Impriża Konġunta, kif ukoll kif wieħed jista' jimplimenta fil-prattika r-rekwiżiti ta' rappurtar u monitoraġġ annwali tal-kontribuzzjonijiet in natura li mhux neċessarjament ikunu jaqblu mal-perjodi ta' rappurtar tal-proġetti jew mal-miżuri ta' simplifikazzjoni ppjanati taħt il-Programm Qafas Orizzont 2020.

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 9b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9b) Dan ir-Regolament għandu jipprovdi mod aktar kosteffiċjenti ta' kif jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 bil-għan li jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 u l-Membri tagħha. L-

Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament u l-Klawżola 13 tal-Istatuti li jinsabu fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandhom jipprevedu b'mod ċar l-ammonti tal-kontribuzzjonijiet tal-Grupp Industrijali u l-Grupp tar-Riċerka u tal-kostitwenti tagħhom għall-ispejjeż operattivi, għall-kontribuzzjonijiet in natura għall-proġetti u għall-attivitajiet addizzjonali, kif ukoll il-kontribuzzjoni ta' parteċipanti oħra f'kontribuzzjonijiet in natura għall-proġetti u għall-attivitajiet addizzjonali.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Il-kontribuzzjonijiet tagħhom għandhom jirreferu wkoll għal attivitajiet addizzjonali li jridu jidħlu għalihom il-Membri **għajr l-Unjoni** jew l-entitajiet kostitwenti tagħhom kif speċifikat fi pjan annwali tal-attivitajiet addizzjonali. Sabiex tinkiseb stampa ġenerali tajba tal-effett ta' ingranaġġ, dawk l-attivitajiet addizzjonali għandhom jippreżentaw kontribuzzjonijiet usa' tal-Impriża Konġunta fil-qasam ta' Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu.

Emenda

(11) Il-kontribuzzjonijiet **mill-Membri, għajr l-Unjoni, u l-entitajiet kostitwenti** tagħhom għandhom jirreferu wkoll għal attivitajiet addizzjonali li jridu jidħlu għalihom **dawk** il-Membri jew l-entitajiet kostitwenti tagħhom kif speċifikat fi pjan annwali tal-attivitajiet addizzjonali **u ppreżentat f'rapport annwali**; Sabiex tinkiseb stampa ġenerali tajba tal-effett ta' ingranaġġ, dawk l-attivitajiet addizzjonali għandhom jippreżentaw kontribuzzjonijiet usa' tal-Impriża Konġunta fil-qasam ta' Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu.

(Ara l-emenda għall-Artikolu 4(4).)

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 11a (ġdida)

(11a) Kull istituzzjoni eliġibbli tista' tipparteċipa bħala koordinatur fi proġetti magħżula. Skont rekwiżiti politiċi speċifiċi jew in-natura u l-oġettiv tal-azzjoni stabbilita fil-pjan ta' ħidma, jista' jintalab li l-koordinatur ikun entità kostitwenti ta' Membru għajr l-Unjoni, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1290/2013.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 15

(15) Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha tkun immexxija skont il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja għaqlija u bir-regoli **relevanti** dwar ġestjoni indiretta stabbiliti **fir-Regolament** (UE, Euratom) Nru 966/2012 u r-Regolament delegat mill-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012¹⁸ dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012¹⁸.

(15) Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha tkun immexxija skont il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja għaqlija u bir-regoli **rilevanti** dwar ġestjoni indiretta stabbiliti **fl-Artikolu 60 (1) sa (4) tar-Regolament** (UE, Euratom) Nru 966/2012 u r-Regolament delegat mill-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012¹⁸ dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012¹⁸.

¹⁸ ĠU L 362, 31.12.2012, p.1

¹⁸ **Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012** (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1)

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) L-awditur intern tal-Kummissjoni għandu jeżerċita l-istess poteri fuq l-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 bħal dawk eżerċitati fir-rigward tal-Kummissjoni.

Emenda

(18) L-awditur intern tal-Kummissjoni għandu jeżerċita l-istess setgħat fuq l-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 bħal dawk eżerċitati fir-rigward tal-Kummissjoni. ***L-istess japplika għall-Qorti Ewropea tal-Awdituri u għall-Parlament Ewropew.***

Emenda 10

**Proposta għal regolament
Premessa 19**

Test propost mill-Kummissjoni

(19) ***Skont l-Artikolu 287(1) tat-Trattat, l-istrument kostitwenti ta' korpi, uffiċċji jew aġenziji stabbiliti mill-Unjoni jista' jipprekludi l-eżami tal-kontijiet tad-dħul u tan-nefqa kollha ta' dawk il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji mill-Qorti tal-Awdituri. Skont l-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, il-kontijiet tal-korpi skont l-Artikolu 209 Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 għandhom jiġu eżaminati minn korp ta' awditu indipendenti li għandu jagħti opinjoni inter alia dwar il-kredibbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet fihom. L-evitar ta' duplikazzjoni tal-eżaminazzjoni tal-kontijiet jiġġustifika li l-kontijiet tal-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 m'għandhomx ikunu soġġetti għal eżaminazzjoni mill-Qorti tal-Awdituri.***

Emenda

(19) ***B'deroga mill-Artikoli 60(7) u 209 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 għandha tingħata mill-Parlament Ewropew fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill. Għalhekk, ir-rekwiżiti ta' rappurtar stabbiliti fl-Artikolu 60(5) ma għandhomx japplikaw għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 iżda għandhom jiġu allinjati kemm jista' jkun ma' dawk previsti għall-korpi skont l-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012. L-awditjar tal-kontijiet u tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti għandu jsir mill-Qorti tal-Awdituri.***

Emenda 11

**Proposta għal regolament
Premessa 19a (ġdida)**

(19a) Mingħajr preġudizzju għall-evalwazzjoni interim imsemmija fl-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament u f'konformità mal-Artikolu 32 tal-Programm Qafas Orizzont 2020 u bħala parti mill-Evalwazzjoni Interim ta' Orizzont 2020, l-Inizjattivi Konġunti dwar it-Teknoloġija, bħala strument partikolari ta' finanzjament tal-Programm Qafas Orizzont 2020, għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni interim fid-dettall, li għandha tinkludi, fost l-oħrajn, analiżi tal-ftuħ, it-trasparenza u l-effiċjenza ta' sħubijiet pubbliċi-privati msejsa fuq l-Artikolu 187 tat-TFUE.

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 21

(21) L-Impriża Konġunta FCH twaqqfet għal perjodu sal-31 ta' Diċembru 2017. L-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 għandha ttipprovdi appoġġ kontinwat tal-programm ta' riċerka fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu billi ***jtkabbar l-iskop tal-attivitajiet taħt sett ta' regoli modifikati.*** It-tranżizzjoni mill-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu għall-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 għandha tkun allinjata u sinkronizzata mat-tranżizzjoni mis-Seba' Programm ta' Qafas għall-Programm Qafas Orizzont 2020 biex ikun assigurat l-aqwa użu tal-iffinanzjar disponibbli għar-riċerka. Fl-interess taċ-ċertezza u ċ-ċarezza legali, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 521/2008 għandu għalhekk jiġi revokat u għandhom jiġu

(21) L-Impriża Konġunta FCH twaqqfet għal perjodu sal-31 ta' Diċembru 2017. L-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 għandha ttipprovdi appoġġ kontinwat tal-programm ta' riċerka fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu billi ***timplimenta l-attivitajiet li fadal previsti fil-programm ta' riċerka fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu.*** It-tranżizzjoni mill-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu għall-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 għandha tkun allinjata u sinkronizzata mat-tranżizzjoni mis-Seba' Programm ta' Qafas għall-Programm Qafas Orizzont 2020 biex ikun assigurat l-aqwa użu tal-iffinanzjar disponibbli għar-riċerka. Fl-interess taċ-

stabbiliti dispożizzjonijiet tranżizzjonali,

ċertezza u ċ-ċarezza legali, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 521/2008 għandu għalhekk jiġi revokat u għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet tranżizzjonali,

Ġustifikazzjoni

Għandu jkun ċar li l-Impriża Konġunta FCH 2 qiegħda biss timplimenta l-bqija tal-attivitajiet li oriġinarjament kienu previsti sal-2017 taħt il-programm ta' riċerka FCH – u xejn aktar. Dawn l-attivitajiet li fadal għandhom isegwu l-ġabra "l-qadima" ta' regoli tal-FCH, filwaqt li l-attivitajiet tal-FCH 2 għandhom isegwu l-ġabra "l-ġdida" ta' regoli. Filwaqt li dan diġà jinvolve xogħol kbir, m'għandha sseħħ ebda modifika jew interferenza taż-żewġ settijiet ta' regoli bejn l-2014 u l-2017.

Emenda 13

Proposta għal regolament Premessa 21a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(21a) Fid-dawl tal-oġġettiv ġenerali ta' Orizzont 2020 li tinkiseb simplifikazzjoni u armonizzazzjoni akbar tax-xenarju tal-finanzjament tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-livell Ewropew, it-tul ta' żmien tas-sħubijiet pubbliċi-privati ffinanzjati fil-kuntest tal-Programm Qafas Orizzont 2020 għandu jkun allinjat mat-tul ta' żmien tal-Programm Qafas, sabiex jiġu evitati settijiet ta' regoli differenti fis-seħħ b'mod parallel u piżijiet amministrattivi addizzjonali relatati għall-partekipanti u l-korpi tal-Unjoni fil-futur;

Emenda 14

Proposta għal regolament Premessa 21b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(21b) Fid-dawl tal-importanza tar-riċerka bażika fil-ħolqien ta' ideat li jippermettu

soluzzjonijiet innovattivi futuri, għandhom jinħarġu sejħiet għal proposti għal proġetti ta' R&D kollaborattivi fil-qasam tar-riċerka dwar iċ-ċelloli tal-fjuwil u l-idroġenu fil-kuntest tal-Programm Qafas Orizzont 2020, flimkien u b'mod parallel mal-attivitajiet tal-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2, b'mod partikolari fir-rigward tar-riċerka fil-Livelli ta' Preparazzjoni Teknoloġika 1 sa 4;

Ġustifikazzjoni

Skont ir-Regolament Orizzont 2020, l-attivitajiet ta' R&D koperti minn ITK għandhom ukoll ikunu inklużi f'sejħiet regolari għal proposti (CfPs) fi programmi ta' ħidma ta' Orizzont 2020. Fil-każ tal-FCH2, għandha titwettaq riċerka kollaborattiva b'mod parallel ma' attivitajiet FCH2 f'livelli aktar baxxi ta' Preparazzjoni Teknoloġika, biex tinkiseb inklużjoni usa' ta' universitajiet u SMEs fir-riċerka fil-qasam taċ-ċelloli tal-fjuwil u l-idroġenu ffinanzjata mill-UE, biex jiġi żgurat bilanċ tajjeb bejn Livelli ta' Preparazzjoni Teknoloġika iktar baxxi u iktar għolja, biex jinħoloq ambjent ta' riċerka kompetittiv u tissaħħaħ l-innovazzjoni fil-futur.

Emenda 15

Proposta għal Regolament Premessa 21c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(21c) Filwaqt li jitqiesu kif xieraq is-sinerġiji intenzjonati bejn il-Programm Qafas Orizzont 2020 u l-Fondi Strutturali, kif ukoll il-programmi nazzjonali u reġjonali rilevanti ta' finanzjament ta' R&D, ir-reġjuni tal-Unjoni għandhom ikunu mħeġġa jikkontribwixxu b'mod proattiv għall-attivitajiet tal-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2, pereżempju billi jappoġġjaw finanzjarjament infrastruttura ta' riċerka rilevanti, jippreparaw proposti, jisfruttaw ir-riżultati tar-riċerka jew l-attivitajiet ta' netwerking ta' atturi rilevanti, bil-għan li jsaħħu l-

impatt reġjonali tal-attivitajiet fil-qasam taç-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 u l-potenzjal tagħhom li joħlqu l-impjegi u t-tkabbir fil-livell reġjonali.

Ġustifikazzjoni

Il-Parlament Ewropew irnexxielu jdaħħal b'suċċess artikolu ġdid fir-Regolament Qafas Orizzont 2020 li espliċitament jitlob sinerġiji aħjar bejn Orizzont 2020 u l-Fondi Strutturali. F'dan il-kuntest, l-ITK m'għandhomx ikunu eċċezzjoni. Ir-reġjuni għandhom jiġu mħeġġa jikkontribwixxu għall-attivitajiet tagħhom, b'mod partikolari minħabba l-potenzjal kbir li għandhom biex isaħħu r-raggruppamenti reġjonali.

Emenda 16

Proposta għal regolament Premessa 21d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(21d) Għandhom jiġu implimentati miżuri li jippromwovu l-parteċipazzjoni tal-SMEs, l-universitajiet u ċ-ċentri ta' riċerka. F'dan il-kuntest għandhom jiġu identifikati u indirizzati l-ostakli li jimpedixxu l-parteċipazzjoni ta' atturi ġodda fil-programm ta' riċerka fil-qasam taç-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu.

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Għall-implimentazzjoni tal-Impriża Konġunta fil-qasam taç-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu, impriża konġunta fit-tifsira tal-Artikolu 187 ***tat-Trattat*** (minn issa 'l quddiem issir referenza għaliha bħala "Impriża Konġunta fil-qasam taç-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2"), hija stabbilita għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2024.

1. Għall-implimentazzjoni tal-Impriża Konġunta fil-qasam taç-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu, impriża konġunta fit-tifsira tal-Artikolu 187 ***tat-TFUE*** (minn issa 'l quddiem issir referenza għaliha bħala "Impriża Konġunta fil-qasam taç-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2"), hija stabbilita għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2024. ***Madankollu,***

f'konformità mat-tul tar-Regolament (UE) Nru 1291/2013 (“il-Programm Qafas Orizzont 2020”), is-sejħiet għal proposti kollha għandhom jinħarġu sal-31 ta’ Diċembru 2020.

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni *tar-Regolament (UE) Nru.../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... 2013 li jistabbilixxi l-Programm* Qafas Orizzont 2020, u b’mod partikolari *l-parti ...* tad-Deċiżjoni *Nru .../2013/UE tal-Kunsill ta’... 2013 li tistabbilixxi l-Programm Speċifiku Orizzont 2020;*

Emenda

(a) li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni *tal-Programm* Qafas Orizzont 2020, u b’mod partikolari *tal-inqas tlieta mill-obiettivi speċifiċi fil-Parti III “Sfidi tas-Soċjetà”* tad-Deċiżjoni 2013/743/UE;

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) li tikkontribwixxi għall-għanijiet tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar iċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu, permezz tal-iżvilupp ta’ settur taċ-ċelloli tal-fjuwil u l-idroġenu b’saħħtu, *sostenibbliu* u kompetittiv globalment *fl-Unjoni*.

Emenda

(b) li tikkontribwixxi għall-għanijiet tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar iċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu, permezz tal-iżvilupp ta’ settur taċ-ċelloli tal-fjuwil u l-idroġenu b’saħħtu, *sostenibbli* u kompetittiv globalment, *it-tixrid tiegħu u l-bini tal-kapaċità fl-Istati Membri kollha*.

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

– iżżid l-effiċjenza enerġetika tal-produzzjoni tal-idroġenu mill-elettrożi għall-ilma filwaqt li jnaqqas l-ispejjeż kapitali, hekk li l-kombinazzjoni tal-idroġenu u *sistema* taċ-ċelloli tal-fjuwil *ikunu kompetittivi* mal-alternattivi disponibbli fis-suq, **u**

Emenda

– iżżid l-effiċjenza enerġetika tal-produzzjoni tal-idroġenu mill-elettrożi għall-ilma **u minn sorsi tal-enerġija rinovabbli** filwaqt li tnaqqas l-ispejjeż kapitali **u operattivi**, hekk li l-kombinazzjoni tal-idroġenu u **s-sistema** taċ-ċelloli tal-fjuwil **tkun kompetittiva** mal-alternattivi disponibbli fis-suq,

Emenda 21

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – inċiż 4a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– **issaħħaħ il-konnessjoni bejn il-proġetti ta' dimostrazzjoni u r-riżultati u t-trasformazzjoni ta' dawk ir-riżultati ta' riċerka f'applikazzjonijiet pilota u soluzzjonijiet tas-suq attraenti, jiġifieri tqassar it-triq bejn id-dimostrazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' dawk it-teknoloġiji,**

Emenda 22

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – inċiż 4b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– **tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' infrastruttura aktar densa u iżżid is-sensibilizzazzjoni u l-aċċettazzjoni tal-pubbliku billi tittrasferixxi l-għarfien u l-kompetenzi tal-Istati Membri bl-aktar rendiment b'saħħtu lill-Istati Membri b'rendiment aktar dgħajjef, permezz ta' dimostrazzjonijiet u proġetti pilota u permezz ta' ċentri Punent–Lvant,**

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2 – inċiż 4c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– tappoġġja l-iżvilupp ta' teknoloġiji avvanzati għall-irkupru ta' metalli, li huwa kritiku għall-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji FCH minn sorsi tal-Unjoni, inklużi skart u prodotti sekondarji teknoloġiċi, u

Emenda 24

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2 – inċiż 4d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– tnaqqas l-użu tal-hekk imsejħa "materja prima kritika", kif definita mill-Kummissjoni, billi tidentifika sostituti rilevanti fejn ikun teknikament fattibbli u ekonomikament ġustifikabbli.

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Il-proġetti li joperaw taħt l-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu wara sejħiet għal proposti jistgħu jinkludu kwalunkwe istituzzjoni eliġibbli bħala parteċipant jew koordinatur.

Ġustifikazzjoni

Il-parteeipazzjoni (anke fi rwol ta' koordinazzjoni) m'għandhiex tkun limitata għall-membri.

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 2a

Ambitu tal-attivitajiet

- 1. Sabiex ikunu ssodisfati l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2, il-programm ta' riċerka Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 jista' jiffinanzja l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp li jkun fihom il-Livelli ta' Preparazzjoni Teknoloġika minn 2 sa 6.*
- 2. Meta l-programm ta' riċerka Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 ikun jipprevedi attivitajiet ta' innovazzjoni li jkun fihom il-Livelli ta' Preparazzjoni Teknoloġika minn 7 sa 8, ir-rati ta' finanzjament għal azzjonijiet indiretti għandhom jitnaqqsu skont l-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013.*

Ġustifikazzjoni

Dan l-Artikolu għandu l-għan li jiċċara l-ambitu tal-attivitajiet tal-Impriża Konġunta fil-qasam ta' Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2, b'mod partikolari rigward il-Livelli ta' Preparazzjoni Teknoloġika rilevanti koperti mill-programm ta' riċerka tagħha. Ir-Regoli għall-Parteċipazzjoni jitolbu wkoll aktar kunsiderazzjoni tal-kunċett ta' Livell ta' Preparazzjoni Teknoloġika biex jiġu stipulati l-livelli ta' finanzjament, kwistjoni li ġiet trattata f'dan l-Artikolu fir-rigward tar-rati ta' finanzjament użati f'azzjonijiet indiretti.

Emenda 27

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafi 1 u 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-kontribuzzjoni massima tal-Unjoni, inklużi ***l-approprijazzjonijiet tal-EFTA***, għall-Impriża Konġunta fil-qasam ta' Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 biex

1. Il-kontribuzzjoni massima tal-Unjoni, ***inklużi l-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA)***, għall-Impriża Konġunta

tkopri l-ispejjeż amministrattivi u spejjeż operattivi, għandha tkun ta' EUR 700 miljun, li għandhom jikkonsistu f'dan li ġej:

(a) sa EUR **600** miljun li jikkorrispondu mal-kontribuzzjoni kkommessa skont l-Artikolu 4(1),

(b) sa EUR **100** miljun bi tqabbil ma' kwalunkwe kontribut addizzjonali kkommess fuq l-ammont minimu speċifikat fl-Artikolu 4(1).

Il-kontribuzzjoni għandha titħallas mill-appropriazzjonijiet fil-baġit ġenerali tal-Unjoni **allokat** lill-Programm **Speċifiku Orizzont 2020 li jimplementa l-Programm Qafas Orizzont 2020** skont id-dispożizzjonijiet **relavanti** fl-Artikolu 58(1)(c)(iv) u **l-Artikoli 60 u 61** tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 għal korpi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 209 ta' dak ir-Regolament.

2. L-arranġamenti għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandhom ikunu stabbiliti fi ftehim ta' **delegazzjoni** u ftehimiet ta' trasferiment annwali ta' fondi li għandhom jiġu konklużi bejn il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni, u l-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2.

3. Il-ftehim ta' **delegazzjoni** li hemm referenza għalih fil-paragrafu 2 għandu jindirizza l-elementi stabbiliti fl-Artikolu 58(3) u **l-Artikoli 60 u 61** tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u fl-Artikolu 40 tar-Regolament **delegat tal-Kummissjoni** (UE) Nru 1268/2012 kif **ukol bħala** inter alia dawn li ġejjin:

fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 biex tkopri l-ispejjeż amministrattivi u spejjeż operattivi, għandha tkun ta' EUR **665** miljun, li għandhom jikkonsistu f'dan li ġej:

(a) sa EUR **570** miljun li jikkorrispondu mal-kontribuzzjoni kkommessa skont l-Artikolu 4(1),

(b) sa EUR **95** miljun bi tqabbil ma' kwalunkwe kontribut addizzjonali kkommess fuq l-ammont minimu speċifikat fl-Artikolu 4(1).

Il-kontribuzzjoni għandha titħallas mill-appropriazzjonijiet fil-baġit ġenerali tal-Unjoni **allokati** lill-Programm **Qafas Orizzont 2020 u b'mod partikolari mill-appropriazzjonijiet allokati lill-oġġettivi speċifiċi "Enerġija sigura, nadifa u effiċjenti" u "Trasport intelliġenti, ekoloġiku u integrat"** skont id-dispożizzjonijiet **rilevanti** fl-Artikolu 58(1)(c)(iv) u **l-Artikolu 60(1) sa (4) u l-Artikolu 61** tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 għall-korpi msemmija fl-Artikolu 209 ta' dak ir-Regolament.

2. L-arranġamenti għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandhom ikunu stabbiliti fi ftehim ta' **delega** u ftehimiet ta' trasferiment annwali ta' fondi li għandhom jiġu konklużi bejn il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni, u l-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2.

3. Il-ftehim ta' **delega** li hemm referenza għalih fil-paragrafu 2 għandu jindirizza l-elementi stabbiliti fl-Artikolu 58(3) u **l-Artikolu 60(1) sa (4) u l-Artikolu 61** tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u fl-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) Nru 1268/2012 kif **ukoll**, inter alia, dawn li ġejjin:

Emenda 28

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) l-arranġamenti rigward l-ġhoti tad-dejta neċessarja biex ikun assigurat li l-Kummissjoni tkun kapaċi taqdi l-obbligi tagħha ta' disseminazzjoni u rappurtaġġ;

Emenda

(d) l-arranġamenti rigward l-ġhoti tad-dejta neċessarja biex ikun assigurat li l-Kummissjoni tkun kapaċi taqdi l-obbligi tagħha ta' disseminazzjoni u rappurtaġġ, ***inkluża informazzjoni kompluta dwar il-proposti kollha u l-ftehimiet ta' għotja kif ukoll dwar is-sħab tagħhom, li għandha tiddaħħal fil-bażi ta' data globali ta' Orizzont 2020 [ECORDA] fil-ħin opportun;***

Emenda 29

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 2 u l-klawżola 13(3)(b) tal-Istatuti stabbiliti fl-Anness, l-ispejjeż għandhom jiġu stabbiliti skont il-prattika normali tal-kontabilità tal-ispejjeż tal-entitajiet ikkonċernati, skont l-istandards tal-kontabilità applikabbli tal-pajjiż fejn kull waħda mill-entitajiet hija stabbilita, u l-istandards tal-kontabilità internazzjonali applikabbli / l-istandards ta' rappurtaġġ finanzjarju internazzjonali. L-ispejjeż għandhom jiġu ċċertifikati minn awditur estern indipendenti maħtur mill-entità konċernata. Il-valutazzjoni tal-kontribuzzjonijiet għandha tiġi vverifikata mill-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2. F'każ li jifdal xi inċertezzi, dawn jistgħu jiġu awditjati mill-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2.

Emenda

4. Għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 2 u l-klawżola 13(3)(b) tal-Istatuti stabbiliti fl-Anness, l-ispejjeż għandhom jiġu stabbiliti skont il-prattika normali tal-kontabilità tal-ispejjeż tal-entitajiet ikkonċernati, skont l-istandards tal-kontabilità applikabbli tal-pajjiż fejn kull waħda mill-entitajiet hija stabbilita, u l-istandards tal-kontabilità internazzjonali applikabbli / l-istandards ta' rappurtaġġ finanzjarju internazzjonali. L-ispejjeż ***tal-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-klawżola 13(3)(b) tal-Istatuti li jinsabu fl-Anness*** għandhom jiġu ċċertifikati minn awditur estern indipendenti maħtur mill-entità konċernata. Il-valutazzjoni tal-kontribuzzjonijiet għandha tiġi vverifikata mill-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2. F'każ li jifdal xi inċertezzi, dawn jistgħu jiġu

awditjati mill-Impriża Konġunta fil-qasam taç-Ċellooli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2. **L-entità kkonċernata għandha tippreżenta l-attivitajiet addizzjonali tagħha lill-pubbliku ġenerali f'rapport annwali.**

Ġustifikazzjoni

Filwaqt li l-attivitajiet addizzjonali li se jitwettqu minn membri privati huma żieda pożittiva għall-effett ta' lieva tal-ITK, dawn m'għandhomx ikunu soġġetti għal awditjar. L-attivitajiet addizzjonali għandhom ikunu ppjanati u mwettqa konsegwentement, determinati b'mod ċar bħala kontribuzzjonijiet in natura, u għandu jsir rapport annwali dwarhom. Iżda dawn l-attivitajiet mhumiex kofinanzjati mill-Unjoni u għaldaqstant għandhom ikunu eżentati minn kontroll għajr permezz tal-Impriża Konġunta.

Emenda 30

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Impriża Konġunta fil-qasam taç-Ċellooli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 għandha tadotta r-regoli finanzjarji speċifiċi tagħha skont l-Artikolu 209 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u Regolament (UE) Nru ... [Regolament Delegat dwar il-mudell tar-Regolament Finanzjarju għal sħubiji pubbliċi-privati].

Emenda

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 12, l-Impriża Konġunta fil-qasam taç-Ċellooli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 għandha tadotta r-regoli finanzjarji speċifiċi tagħha skont l-Artikolu 209 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u Regolament (UE) Nru ... [Regolament Delegat dwar il-mudell tar-Regolament Finanzjarju għal sħubiji pubbliċi-privati].

Emenda 31

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Fil-każ ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali, l-Impriża Konġunta fil-qasam taç-Ċellooli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2, f'konformità mal-prinċipji ġenerali komuni għal-liġijiet **ta' l-Istati** Membri, għandha tagħmel tajjeb għad-danni kollha kkawżati

Emenda

2. Fil-każ ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali, l-Impriża Konġunta fil-qasam taç-Ċellooli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2, f'konformità mal-prinċipji ġenerali komuni għal-liġijiet **tal-Istati** Membri, għandha tagħmel tajjeb għad-danni kollha kkawżati

mill-persunal tagħha fil-qadi ta' dmirijiethom.

mill-persunal tagħha u **mill-membri tal-Bord tat-Tmexxija** fil-qadi ta' dmirijiethom.

Emenda 32

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. **Sal-31 ta' Diċembru 2017**, il-Kummissjoni għandha **twettaq** evalwazzjoni interim tal-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2, li għandha tivvaluta, b'mod partikolari, il-livell ta' parteċipazzjoni fl-azzjonijiet indiretti kemm minn entitajiet kostitwenti tal-Membri għajr l-Unjoni u wkoll minn entitajiet legali oħra, u l-kontribut tagħhom għalihom. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet tagħha, flimkien mal-osservazzjonijiet tagħha, lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill **sat-30 ta' Ġunju 2018**.

Emenda

1. **Sat-30 ta' Ġunju 2017**, il-Kummissjoni għandha **torganizza** evalwazzjoni interim **indipendenti** tal-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2, li għandha tivvaluta, b'mod partikolari, il-livell ta' parteċipazzjoni fl-azzjonijiet indiretti kemm minn entitajiet kostitwenti tal-Membri għajr l-Unjoni u wkoll minn entitajiet legali oħra, u l-kontribut tagħhom għalihom. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet tagħha, flimkien mal-osservazzjonijiet tagħha, lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill **sal-31 ta' Diċembru 2017**. **Ir-riżultati tal-evalwazzjoni interim tal-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 għandhom jiġu kkunsidrati fl-evalwazzjoni interim tal-Programm Qafas Orizzont 2020.**

F'konformità mal-Artikolu 32 tal-Programm Qafas Orizzont 2020 u bħala parti mill-evalwazzjoni interim ta' Orizzont 2020, l-Inizjattivi Konġunti dwar it-Teknoloġija, bħala strument ta' finanzjament tal-Programm Qafas Orizzont 2020, għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni fid-dettall li tinkludi, fost l-oħrajn, analiżi tal-ftuħ, it-trasparenza u l-effiċjenza ta' sħubijiet pubbliċi-privati msejsa fuq l-Artikolu 187 tat-TFUE.

Bi tweġiba għal sitwazzjonijiet mhux previsti jew għal żviluppi u ħtiġijiet ġodda, il-Kummissjoni, wara l-evalwazzjoni interim tal-Programm Qafas

Orizzont 2020, tista' teżamina mill-ġdid, fi ħdan il-proċedura baġitarja annwali, il-baġit tal-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2.

Emenda 33

Proposta għal regolament Artikolu 12

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit fir-rigward tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni lill-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 għandha ***tkun parti mill-kwittanza mogħtija*** mill-Parlament Ewropew, fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill, ***lill-Kummissjoni*** skont il-proċedura stabbilita ***fl-Artikolu 319 tat-Trattat***.

2. L-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 għandha tikkopera b'mod sħiħ mal-istituzzjonijiet involuti fil-proċedura tal-kwittanza u tipprovdi, kif xieraq, kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa. F'dan il-kuntest, tista' tintalab li tkun rappreżentata f'laqgħat mal-istituzzjonijiet jew il-korpi rilevanti u tgħin lill-Kummissjoni tawtorizza uffiċjal b'delegazzjoni.

Emenda 34

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. ***Mingħajr preġudizzju għall-klawżola 17(4) tal-Istatuti inklużi fl-Anness***, l-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 għandha

Emenda

1. Il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit fir-rigward tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni lill-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 għandha ***tingħata*** mill-Parlament Ewropew, fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont il-proċedura stabbilita ***fir-regoli finanzjarji tal-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2.***

tagħti lill-persunal tal-Kummissjoni u lil persuni oħrajn awtorizzati minnha, kif ukoll lill-Qorti tal-Awdituri, aċċess għas-siti u l-bini tagħha u għall-informazzjoni kollha, inkluż informazzjoni f'format elettroniku, meħtieġa biex iwettqu l-awditi tagħhom.

ukoll lill-Qorti tal-Awdituri, aċċess għas-siti u l-bini tagħha u għall-informazzjoni kollha, inkluż informazzjoni f'format elettroniku, meħtieġa biex iwettqu l-awditi tagħhom.

Emenda 35

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jagħmel investigazzjonijiet, inklużi kontrolli fuq il-post u spezzjonijiet, skont id-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stipulati fir-Regolament (**KE**) Nru **1073/1999** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill **tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi OLAF**²¹ u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 **tal-11 ta' Novembru 1996 dwar kontrolli fuq il-post u spezzjonijiet li jsiru mill-Kummissjoni biex tiproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra**²² bil-għan li jiġi stabbilit kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' ftehim jew deċiżjoni jew kuntratt iffinanzjat skont dan ir-Regolament.

²¹ **ĠU L 136, 31.5.1999, p.1**

Emenda

2. L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jagħmel investigazzjonijiet, inklużi kontrolli fuq il-post u spezzjonijiet, skont id-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stipulati fir-Regolament (**UE, Euratom**) Nru **883/2013** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²¹ u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96²² bil-għan li jiġi stabbilit kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' ftehim jew deċiżjoni jew kuntratt iffinanzjat skont dan ir-Regolament.

²¹ **Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999**

²² ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2-5.

(ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

²² *Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tiproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra* (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

Emenda 36

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. Il-membri tal-persunal tal-Impriża Konġunta fil-qasam ta' Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2, id-Direttur Eżekuttiv u l-membri tal-Bord tat-Tmexxija għandhom jinnotifikaw bla dewmien lill-OLAF b'kull każ ta' frodi li jkun ġie għall-attenzjoni tagħhom fit-twettiq ta' dmirjiethom jew tal-mandat tagħhom, mingħajr ma b'xi mod jinżammu responsabbli għal dan il-frodi minħabba tali rivelazzjoni.

Ġustifikazzjoni

Il-ġlieda kontra l-frodi trid tkun prijorità tal-Unjoni. Din is-sistema ta' notifiċi, li diġà qed taħdem mill-inqas fi Stat Membru wieħed, hija strument utli ħafna għal dan il-ġhan.

Emenda 37

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Ir-Regolament (UE) Nru ... [Regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni f'Orizzont 2020] għandu japplika għall-

Ir-Regolament (UE) Nru 1290/2013 u d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni rilevanti għall-implimentazzjoni tiegħu għandhom

azzjonijiet ffinanzjati mill-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2. Skont dak ir-Regolament, l-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 għandha titqies bħala korp tal-iffinanzjar u għandha ttiprovdi appoġġ finanzjarju għal azzjonijiet indiretti kif stabbilit fi Klawżola 1 tal-Istatuti inklużi fl-Anness.

japplikaw għall-azzjonijiet **indiretti** ffinanzjati mill-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2. Skont dak ir-Regolament, l-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 għandha titqies bħala korp tal-iffinanzjar u għandha ttiprovdi appoġġ finanzjarju għal azzjonijiet indiretti kif stabbilit fi Klawżola 1 tal-Istatuti inklużi fl-Anness.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda sservi biex tiċċara li mhux biss ir-Regoli għall-Parteċipazzjoni, iżda anke l-atti ta' implimentazzjoni relatati bħar-regoli għat-tressiq, l-evalwazzjoni, l-għażla, l-għoti u l-proċeduri ta' reviżjoni japplikaw. Skont l-Artikolu 1(1) tar-Regoli għall-Parteċipazzjoni dawn ir-regoli japplikaw biss għal azzjonijiet indiretti.

Emenda 38

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Skont l-Artikolu 9(5) tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013, il-pjanijiet ta' ħidma jistgħu jipprevedu kundizzjonijiet addizzjonali ġustifikati skont rekwiżiti politiċi speċifiċi jew in-natura u l-objettiv tal-azzjoni, fost l-oħrajn li l-koordinaturi għandhom ikunu entitajiet kostitwenti ta' Membru tal-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 għajr l-Unjoni. Tul il-programm kollu, dan ma għandu fl-ebda każ jimponi kundizzjonijiet eċċessivi jew jimpedixxi li entitajiet disposti jsiru entità kostitwenti ta' Membru. Il-prinċipji tal-ftuħ u t-trasparenza għandhom japplikaw tul kemm iddum l-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2.

Emenda 39

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Skont il-prinċipji tat-trasparenza u n-nondiskriminazzjoni kif stabbiliti fl-Artikoli 35, 60(1) u 128(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u l-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament, is-sejħiet għal proposti organizzati mill-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 għandhom jiġu ppubblikati fil-Portal tal-Parteċipanti ta' Orizzont 2020 fuq l-internet.

Ġustifikazzjoni

Waqt in-negozjati trilogi ta' Orizzont 2020 l-istituzzjonijiet ftiehem li jippromwovu koerenza akbar tal-possibilitajiet kollha ta' sejħa ffinanzjati fil-qafas ta' Orizzont 2020. Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni wiegħdet li tippromwovi l-pubblikazzjoni tas-sejħiet għal proposti organizzati mill-ITK fuq il-Portal tal-Parteċipanti ta' Orizzont 2020. Kollha qablu li jsegwu dan l-approċċ. Din l-emenda għandha l-għan li tibdel obbligu awtoimpost f'rekwiżit legali, biex tiggarrantixxi informazzjoni sempliċi u aċċessibbli lill-applikanti.

Emenda 40

Proposta għal regolament Anness 1 – klawżola 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) tipprovdi l-komunikazzjoni f'waqtha ta' sejħiet għal proposti, id-disponibbiltà ta' dokumentazzjoni legali, il-proċessi ta' evalwazzjoni u t-trasparenza tar-riżultati;

Emenda 41

Proposta għal regolament Anness 1 – klawżola 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) mal-aċċettazzjoni ta' dawn l-Istatuti u ***permezz ta' ittra ta' aċċettazzjoni***, il-grupp New Energy World Industry Grouping AISBL, li huwa organizzazzjoni mhix intiża għall-profitt stabbilita skont il-Liġi Belġjana (numru tar-reġistrazzjoni: 890025478, bl-uffiċċju permanenti tiegħu fi Brussell, il-Belġju) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Grupp Industrijali"), u

Emenda 42

**Proposta għal regolament
Anness 1 – klawżola 2 – punt c**

Test propost mill-Kummissjoni

(c) mal-aċċettazzjoni ta' dawn l-Istatuti u ***permezz ta' ittra ta' aċċettazzjoni***, il-grupp New European Research Grouping on Fuel Cells and Hydrogen AISBL, li huwa organizzazzjoni mhix intiża għall-profitt stabbilita skont il-Liġi Belġjana (numru tar-reġistrazzjoni: 0897.679.372 bl-uffiċċju permanenti tiegħu fi Brussell, il-Belġju) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Grupp tar-Riċerka").

Emenda 43

**Proposta għal regolament
Anness 1 – klawżola 3 – punt 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Membri kollha jistgħu jtemmu s-sħubija tagħhom fl-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2.

Emenda

(b) mal-aċċettazzjoni ta' dawn l-Istatuti u ***wara deliberazzjoni mill-entità responsabbli mill-governanza tagħha***, il-grupp New Energy World Industry Grouping AISBL, li huwa organizzazzjoni mhix intiża għall-profitt stabbilita skont il-Liġi Belġjana (numru tar-reġistrazzjoni: 890025478, bl-uffiċċju permanenti tiegħu fi Brussell, il-Belġju) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Grupp Industrijali"), u

Emenda

(c) mal-aċċettazzjoni ta' dawn l-Istatuti u ***wara deliberazzjoni mill-entità responsabbli mill-governanza tagħha***, il-grupp New European Research Grouping on Fuel Cells and Hydrogen AISBL, li huwa organizzazzjoni mhix intiża għall-profitt stabbilita skont il-Liġi Belġjana (numru tar-reġistrazzjoni: 0897.679.372 bl-uffiċċju permanenti tiegħu fi Brussell, il-Belġju) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Grupp tar-Riċerka").

Emenda

1. Il-Membri kollha jistgħu jtemmu s-sħubija tagħhom fl-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2.

It-terminazzjoni ssir effettiva u rrevokabbli sitt xhur wara n-notifika lill-Membri l-oħra. Sa minn dak iż-żmien, il-Membru preċedenti għandu jiġi rrilaxxat mill-obbligi kollha għajr dawk approvati jew li jsiru mill-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 qabel ma jtemm is-sħubija.

It-terminazzjoni ssir effettiva u rrevokabbli sitt xhur wara n-notifika lill-Membri l-oħra. Sa minn dak iż-żmien, il-Membru preċedenti għandu jiġi rrilaxxat mill-obbligi kollha għajr dawk approvati jew li jsiru mill-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 qabel ma jtemm is-sħubija. ***F'każijiet bħal dawn għandu jinfetaħ kont bejn l-ex Membru u l-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 għas-saldu tal-obbligi finanzjarji.***

Emenda 44

Proposta għal regolament Anness 1 – klawżola 3 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jivvaluta applikazzjoni għas-sħubija billi jqis ir-rilevanza u l-potenzjal tal-valur miżjud tal-applikant biex jintlaħqu l-objettivi tal-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2. Imbagħad huwa għandu jiddeċiedi dwar l-applikazzjoni. Ir-regoli biex jiġu aċċettati membri ġodda għandhom ikunu pubbliċi u trasparenti, ma jgħolqux ostakli bla bżonn, u kwalunkwe rifjut għandu jkun iġġustifikat b'mod ċar bil-miktub u jkun disponibbli għall-kandidat u għall-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati.

Emenda 45

Proposta għal regolament Anness 1 – klawżola 3 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Is-Sħubija fl-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2

2. Is-Sħubija fl-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2

ma tistax tiġi ttrasferita lil terza parti ħlief bl-approvazzjoni bil-miktub minn qabel tal-Bord tat-Tmexxija.

ma tistax tiġi ttrasferita lil terza parti ħlief bl-approvazzjoni bil-miktub minn qabel tal-Bord tat-Tmexxija. ***Il-Kummissjoni għandha tiġi nnotifikata b'dan il-ftehim u għandu jkollha d-dritt toġġezzjona.***

Emenda 46

Proposta għal regolament

Anness 1 – klawżola 6 – punt 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Il-President tal-Grupp ***ta' Rappreżentanti*** tal-Istati għandu jkollu d-dritt jattendi l-laqgħat tal-Bord ***ta' Tmexxija bħala osservatur.***

Emenda

Il-president tal-Grupp ***tar-Rappreżentanti*** tal-Istati għandu jkollu d-dritt jattendi l-laqgħat tal-Bord ***tat-Tmexxija u jieħu parti fid-deliberazzjonijiet tiegħu, iżda mingħajr ma jkollu dritt jivvota.***

Ġustifikazzjoni

Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati kif ukoll il-Kumitat Xjentifiku u l-Forum ta' Dawk b'Interess huma korpi konsultattivi għall-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 skont il-punt 4(2) tal-istatuti. Biex iwettqu kif xieraq dan ir-rwol huma għandhom jingħataw id-dritt kemm li jattendu l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija kif ukoll jieħdu sehem fid-deliberazzjonijiet tiegħu. Min jagħti konsulenza għandu jkollu d-dritt jitkellem.

Emenda 47

Proposta għal regolament

Anness 1 – klawżola 6 – punt 3 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-president tal-Kumitat Xjentifiku għandu jkollu d-dritt jattendi l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija u jieħu sehem fid-deliberazzjonijiet tiegħu, iżda mingħajr ma jkollu dritt jivvota.

Emenda 48

Proposta għal regolament

Anness 1 – klawżola 6 – punt 3 – subparagrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-president tal-Forum ta' Dawk b'Interess għandu jkollu d-dritt jattendi l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija u jieħu sehem fid-deliberazzjonijiet, iżda mingħajr ma jkollu dritt jivvota.

Ġustifikazzjoni

Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati kif ukoll il-Kumitat Xjentifiku u l-Forum ta' Dawk b'Interess huma korpi konsultattivi għall-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 skont il-punt 4(2) tal-istatuti. Biex iwettqu kif xieraq dan ir-rwol huma għandhom jingħataw id-dritt kemm li jattendu l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija kif ukoll jieħdu sehem fid-deliberazzjonijiet tiegħu. Min jagħti konsulenza għandu jkollu d-dritt jittellem.

Emenda 49

Proposta għal regolament

Anness 1 – klawżola 6 – punt 3 – subparagrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta r-regoli ***tal-proċedura*** tiegħu *stess*.

Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta r-regoli ***ta' proċedura*** tiegħu ***u jagħmilhom pubbliċi.***

Emenda 50

Proposta għal regolament

Anness 1 – klawżola 7 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Il-Kummissjoni għandha tiżgura koordinazzjoni kostanti bejn l-attivitajiet tal-Programm Qafas Orizzont 2020 u l-attivitajiet tal-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu billi

*regolarment tidentifika
kumplimentarjetajiet u sinerġiji possibbli,
inklużi d-duplikazzjonijiet mixtieqa, u
timplimenta proċess ta' koordinazzjoni
formali biex tarmonizza l-prijoritajiet ta'
riċerka koperti minn riċerka
kollaborattiva skont il-programm qafas u
l-attivitajiet koperti mill-Impriża
Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil
u l-Idroġenu 2.*

Ġustifikazzjoni

Hemm hteġa urġenti ta' koordinazzjoni ta' attivitajiet ta' riċerka skont il-programm qafas u l-attivitajiet imwettqa mill-ITK, inkluża l-ġestjoni tad-duplikazzjoni mixtieqa u tas-sinerġiji u l-kumplimentarjetajiet meħtieġa. Naturalment dan il-kompitu jista' jitwettaq l-aħjar mill-Kummissjoni li r-rwol tagħha fl-istruttura tat-tmexxija tal-ITK (50 % tal-voti) għandu jipprovdiha b'mezzi suffiċjenti biex tagħmel dan.

Emenda 51

Proposta għal regolament

Anness 1 – klawżola 7 – punt 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) jadotta regoli miftuħa u trasparenti għall-entitajiet li jkunu disposti jsiru entitajiet kostitwenti ta' Membru tal-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 u jagħmilhom pubbliċi.

Emenda 52

Proposta għal regolament

Anness 1 – klawżola 7 – punt 2 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1) japprova s-sejħiet kif ukoll, fejn xieraq, ir-regoli relatati għas-sottomissjoni, l-ewalwazzjoni, l-għażla u l-proċeduri ta' reviżjoni;

(1) japprova s-sejħiet;

Ġustifikazzjoni

Għandhom japplikaw, mutatis mutandis, ir-regoli għall-preżentazzjoni, l-evalwazzjoni, l-għażla, l-għoti u l-proċeduri għar-reviżjoni ta' Orizzont 2020.

Emenda 53

Proposta għal Regolament Anness 1 – klawżola 7 – punt 2 – punt m

Test propost mill-Kummissjoni

(m) japprova l-lista ta' azzjonijiet magħżula għall-iffinanzjar;

Emenda

(m) japprova l-lista ta' azzjonijiet magħżula għall-iffinanzjar ***abbażi tal-klassifika magħmula minn bord ta' esperti indipendenti f'konformità mal-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013;***

Emenda 54

Proposta għal regolament Anness 1 – klawżola 7 – punt 2 – punt sa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(sa) ***jinforma b'mod regolari lill-Kumitat Xjentifiku, lill-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati u lill-Forum ta' Dawk b'Interess dwar il-kwistjonijiet kollha rilevanti għar-rwol konsultattiv tagħhom;***

Emenda

Ġustifikazzjoni

Sabiex iwettqu l-kompitu tagħhom bħala korpi konsultattivi għall-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2, il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati, il-Kumitat Xjentifiku u l-Forum ta' Dawk b'Interess għandhom jirċievu informazzjoni adegwata dwar il-kwistjonijiet rilevanti kollha.

Emenda 55

Proposta għal regolament

Anness 1 – klawżola 8 – punt 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jinħatar mill-Bord tat-Tmexxija minn lista ta' kandidati proposta mill-Kummissjoni, wara proċedura ta' għażla miftuħa u trasparenti. Il-Kummissjoni għandha tassoċja r-rappreżentazzjoni mis-settur mill-Membri l-oħra tal-Impriża Konġunta fil-qasam ta' Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 fil-proċedura tal-għażla kif xieraq.

Emenda

1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jinħatar mill-Bord tat-Tmexxija minn lista ta' kandidati proposta mill-Kummissjoni, wara proċedura ta' għażla miftuħa u trasparenti. Il-Kummissjoni għandha tassoċja r-rappreżentazzjoni mis-settur mill-Membri l-oħra tal-Impriża Konġunta fil-qasam ta' Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 fil-proċedura tal-għażla kif xieraq. ***Il-Parlament Ewropew għandu jkollu d-dritt joġġezzjona.***

Emenda 56

Proposta għal regolament

Anness 1 – klawżola 9 – punt 4 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) *jissottometti* għall-approvazzjoni lill-Bord tat-Tmexxija ***l-kontijiet annwali***;

Emenda

(c) ***jistabilixxi l-kontijiet annwali li jridu jiġu ppreżentati*** għall-approvazzjoni lill-Bord tat-Tmexxija;

Emenda 57

Proposta għal regolament

Anness 1 – klawżola 9 – punt 4 – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(ia) ifassal rapport annwali dwar il-progress tal-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp f'kooperazzjoni mad-diviżjoni tal-komunikazzjonijiet tal-Impriża Konġunta fil-qasam ta' Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2;

Emenda

Ġustifikazzjoni

Ikun rakkomandabbli li titqassam aktar informazzjoni li tkun faċilment aċċessibbli dwar il-progress u r-rendiment tal-ITK fuq bażi regolari, sabiex l-ITK tkun aktar viżibbli u jinħoloq għarfien tal-kisbiet tagħha fost il-pubbliku ġenerali.

Emenda 58

Proposta għal regolament

Anness 1 – klawżola 9 – punt 4 – punt la (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(la) iwettaq segwitu f'waqtu ta' kwalunkwe rakkomandazzjoni li tirriżulta mill-evalwazzjoni finali tal-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu, l-evalwazzjoni interim tal-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 jew kwalunkwe valutazzjoni rilevanti oħra tal-attivitajiet tal-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2;

Ġustifikazzjoni

Sabiex ikun żgurat impatt suffiċjenti tal-evalwazzjonijiet formali previsti u biex titjieb il-kwalità tat-tmexxija tal-Impriża Konġunta, id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun responsabbli għas-segwitu ta' kwalunkwe rakkomandazzjoni rilevanti.

Emenda 59

Proposta għal regolament

Anness 1 – klawżola 9 – punt 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(b) jimmaniġġja s-sejħiet kif mitlub fil-pjan ta' ħidma **annwali** u **l-amministrazzjoni tal-ftehimiet** jew deċiżjonijiet, **inkluż il-kordinazzjoni** tagħhom;*

*(b) jimmaniġġja s-sejħiet, **inkluża l-evalwazzjoni minn bord ta' esperti indipendenti**, kif mitlub fil-pjan ta' ħidma u **jamministra l-ftehimiet** jew deċiżjonijiet, **inkluża l-kordinazzjoni** tagħhom;*

Emenda 60

Proposta għal regolament

Anness 1 – klawżola 9 – punt 5 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) jissorvelja sistema ta' informazzjoni u promozzjoni għal parteċipazzjoni wiesgħa fl-attivitajiet tal-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċellooli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2, prinċipalment is-sejħiet għal proposti, inkluża konnessjoni mas-sistema ta' Punti ta' Kuntatt Nazzjonali;

Emenda 61

Proposta għal regolament

Anness 1 – klawżola 10 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-membri għandhom jirreflettu rappreżentazzjoni bilanċjata ta' esperti ta' l-aqwa livell dinji mill-kamp ta' l-akkademja, mill-industrija u mill-korpi regolatorji. B'mod kollettiv, il-membri tal-Kumitat Xjentifiku għandu jkollhom il-kompetenzi xjentifiċi u l-għarfien espert neċessarji li jkopru l-qasam tekniku kollu meħtieġ biex isiru rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq ix-xjenza dwar l-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċellooli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2.

2. Il-membri għandhom jirreflettu rappreżentazzjoni bilanċjata ta' esperti ta' l-aqwa livell dinji mill-kamp ta' l-akkademja, mill-industrija u mill-korpi regolatorji. B'mod kollettiv, il-membri tal-Kumitat Xjentifiku għandu jkollhom il-kompetenzi xjentifiċi u l-għarfien espert neċessarji li jkopru l-qasam tekniku kollu meħtieġ biex isiru rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq ix-xjenza dwar l-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċellooli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2. ***Il-kompożizzjoni tal-Kumitat Xjentifiku għandha tkun tali li jkun hemm ugwaljanza bejn is-sessi f'konformità mal-Artikolu 16 tal-Programm Qafas Orizzont 2020.***

Emenda 62

Proposta għal regolament

Anness 1 – klawżola 10 – punt 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) jagħti parir dwar il-prijoritajiet xjentifiċi li għandhom ikunu indirizzati fil-pjani ta' ħidma annwali;

Emenda

(a) jagħti pariri dwar il-prijoritajiet xjentifiċi li jridu jiġu indirizzati fil-pjanijiet ta' ħidma annwali, **inklużi l-abbozzi tat-testi tas-sejħiet**;

Emenda 63

**Proposta għal regolament
Anness 1 – klawżola 10 – punt 5**

Test propost mill-Kummissjoni

5. Il-Kumitat Xjentifiku għandu jiltaqa' mill-inqas **darba** fis-sena. Il-laqgħat għandhom jissejħu **miċ-chairperson** tiegħu.

Emenda

5. Il-Kumitat Xjentifiku għandu jiltaqa' mill-inqas **darbtejn** fis-sena. Il-laqgħat għandhom jissejħu **mill-president** tiegħu.

Emenda 64

**Proposta għal regolament
Anness 1 – klawżola 10 – punt 6a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6a. Il-Kumitat Xjentifiku għandu jirċievi informazzjoni fuq bażi regolari, b'mod partikolari dwar il-parteċipazzjoni f'azzjonijiet indiretti ffinanzjati mill-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2, dwar l-eżitu ta' kull sejħa u implimentazzjoni ta' proġett, dwar is-sinerġiji ma' programmi rilevanti oħra tal-Unjoni, dwar l-eżekuzzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 u dwar it-tixrid u l-isfruttar tar-riżultati tar-riċerka.

Ġustifikazzjoni

Sabiex iwettaq il-kompitu tiegħu bħala korp konsultattiv għall-Impriża Konġunta fil-qasam

taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2, il-Kumitat Xjentifiku għandu jirċievi informazzjoni adegwata dwar il-kwistjonijiet rilevanti kollha.

Emenda 65

Proposta għal regolament Anness 1 – klawżola 10 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Il-Kumitat Xjentifiku għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

Emenda

7. Il-Kumitat Xjentifiku għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu ***u jagħmilhom pubbliċi.***

Emenda 66

Proposta għal regolament Anness 1 – klawżola 11 – punt 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati għandu jiltaqa' mill-inqas ***darba*** fis-sena. Il-laqgħat għandhom jissejħu mill-president tiegħu. Id-Direttur Eżekuttiv u l-president tal-Bord tat-Tmexxija jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom jattendu l-laqgħat.

Emenda

2. Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati għandu jiltaqa' mill-inqas ***darbtejn*** fis-sena. Il-laqgħat għandhom jissejħu mill-president tiegħu. Id-Direttur Eżekuttiv u l-president tal-Bord tat-Tmexxija jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom jattendu l-laqgħat.

Emenda 67

Proposta għal regolament Anness 1 – klawżola 11 – punt 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) ***rabtiet*** mal-Programm Qafas Orizzont 2020;

Emenda

(c) ***konformità*** mal-Programm Qafas Orizzont 2020;

Emenda 68

Proposta għal regolament

Anness 1 – klawżola 11 – punt 3 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) ir-rakkomandabilità tal-inklużjoni ta' prijorità ta' riċerka partikolari koperta mill-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 f'sejħiet regolari fil-Programm Qafas Orizzont 2020 sabiex jiġu żviluppati sinerġiji ġodda ma' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni ta' importanza strateġika;

Emenda 69

Proposta għal regolament

Anness 1 – klawżola 11 – punt 5 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati għandu jirċievi informazzjoni fuq bażi regolari, b'mod partikolari dwar il-parteċipazzjoni f'azzjonijiet indiretti ffinanzjati mill-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2, dwar l-eżitu ta' kull sejħa u implimentazzjoni ta' proġett, dwar is-sinerġiji ma' programmi rilevanti oħra tal-Unjoni, dwar l-eżekuzzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 u dwar it-tixrid u l-isfruttar tar-riżultati tar-riċerka.

Ġustifikazzjoni

Sabiex iwettaq il-kompitu tiegħu bħala korp konsultattiv għall-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2, il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati għandu jirċievi informazzjoni adegwata dwar il-kwistjonijiet rilevanti kollha.

Emenda 70

Proposta għal regolament Anness 1 – klawżola 11 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati tal-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu *stess*.

Emenda

6. Il-Grupp tar- Rappreżentanti tal-Istati tal-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu ***u jagħmilhom pubbliċi***.

Emenda 71

Proposta għal regolament Anness 1 – klawżola 12 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Forum ta' Dawk b'Interess għandu jkun infurmat bl-attivitajiet tal-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 u għandu jkun mistieden biex jagħti l-kummenti.

Emenda

2. Il-Forum ta' Dawk b'Interess għandu jkun infurmat bl-attivitajiet tal-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 ***fuq bażi regolari, b'mod partikolari dwar il-parteċipazzjoni f'azzjonijiet indiretti ffinanzjati mill-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2, dwar l-eżitu ta' kull sejħa u implimentazzjoni ta' proġett, dwar sinerġiji ma' programmi rilevanti oħra tal-Unjoni, dwar l-eżekuzzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 u dwar it-tixrid u l-isfruttar tar-riżultati tar-riċerka***, u għandu jkun mistieden biex jagħti l-kummenti.

Ġustifikazzjoni

Sabiex iwettaq il-kompitu tiegħu bħala korp konsultattiv għall-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2, il-Forum ta' Dawk b'Interess għandu jirċievi informazzjoni adegwata dwar il-kwistjonijiet rilevanti kollha.

Emenda 72

Proposta għal regolament

Anness 1 – klawżola 17 – punt 1 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-azzjonijiet magħżula għall-iffinanzjar **inkluż** analiżi **statistika** skont it-tip ta' parteċipant, **inkluż SMEs, u bil-pajjiż u li tindika l-kontribuzzjoni** tal-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċellooli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 lill-parteċipanti u l-azzjonijiet individwali.

Emenda

(c) l-azzjonijiet magħżula għall-iffinanzjar **inkluża** analiżi skont it-tip ta' parteċipant, **inklużi l-SMEs, statistika dwar il-pajjiżi, u indikazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja** tal-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċellooli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 lill-parteċipanti u l-azzjonijiet individwali.

Emenda 73

Proposta għal regolament

Anness 1 – klawżola 17

Test propost mill-Kummissjoni

Id-Direttur Eżekuttiv għandu jirrapporta annwalment lill-Bord tat-Tmexxija fuq it-twertiq tad-dmirijiet tiegħu skont ir-regoli finanzjarji tal-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċellooli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2.

Sal-15 ta' Frar ta' kull sena, id-Direttur Eżekuttiv għandu jissottometti lill-Bord tat-Tmexxija għall-approvazzjoni rapport ta' attività annwali dwar il-progress li sar mill-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċellooli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 fis-sena kalendarja preċedenti, b'mod partikolari b'rabta mal-pjan ta' ħidma annwali għal dik is-sena. Dak ir-rapport għandu jinkludi, inter alia, informazzjoni dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:

- (a) riċerka, innovazzjoni u azzjonijiet oħra mwettqa u l-ispiża relatata;
- (b) l-azzjonijiet **sottomessi**, inkluża analiżi statistika skont it-tip ta' parteċipant, inkluż SMEs, u skont il-pajjiż;
- (c) l-azzjonijiet magħżula għall-iffinanzjar

Emenda

Id-Direttur Eżekuttiv għandu jirrapporta annwalment lill-Bord tat-Tmexxija fuq it-twertiq tad-dmirijiet tiegħu skont ir-regoli finanzjarji tal-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċellooli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2.

Fi żmien xahrejn mill-għeluq ta' kull sena finanzjarja, id-Direttur Eżekuttiv għandu jissottometti lill-Bord tat-Tmexxija għall-approvazzjoni rapport ta' attività annwali dwar il-progress li sar mill-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċellooli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 fis-sena kalendarja preċedenti, b'mod partikolari b'rabta mal-pjan ta' ħidma annwali għal dik is-sena. Dak ir-rapport għandu jinkludi, inter alia, informazzjoni dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:

- (a) riċerka, innovazzjoni u azzjonijiet oħra mwettqa u l-ispiża relatata;
- (b) l-azzjonijiet **ppreżentati**, inkluża analiżi statistika skont it-tip ta' parteċipant, inkluż SMEs, u skont il-pajjiż;
- (c) l-azzjonijiet magħżula għall-iffinanzjar

inkluż analiżi statistika skont it-tip ta' parteċipant, inkluż SMEs, u bil-pajjiż u li tindika l-kontribuzzjoni tal-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 lill-parteċipanti u l-azzjonijiet individwali.

2. Meta jkun approvat mill-Bord tat-Tmexxija, ir-rapport ta' attività annwali għandu jkun disponibbli pubblikament.

3. **L-Impriża** Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 **għandha tirrapporta annwalment** lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

inkluż analiżi statistika skont it-tip ta' parteċipant, inkluż SMEs, u bil-pajjiż u li tindika l-kontribuzzjoni tal-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 lill-parteċipanti u l-azzjonijiet individwali.

2. Meta jkun approvat mill-Bord tat-Tmexxija, ir-rapport ta' attività annwali għandu jkun disponibbli pubblikament.

3. **Sal-1 ta' Marzu tas-sena finanzjarja ta' wara, l-uffiċjal tal-kontabilità tal-Impriża** Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 **għandu jibgħat il-kontijiet proviżorji lill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri.**

Sal-31 ta' Marzu tas-sena finanzjarja ta' wara, l-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 għandha tibgħat ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri.

Kif jirċievi l-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet proviżorji tal-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2, skont l-Artikolu 148 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, l-uffiċjal tal-kontabilità għandu jħejji l-kontijiet finali tal-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2, u d-Direttur Eżekuttiv għandu jibgħathom lill-Bord tat-Tmexxija għal opinjoni.

Il-Bord tat-Tmexxija għandu jagħti opinjoni dwar il-kontijiet finali tal-Impriża Konġunta fil-qasam taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2.

Sal-1 ta' Lulju wara kull sena finanzjarja, id-Direttur Eżekuttiv għandu jibgħat il-kontijiet finali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, flimkien mal-opinjoni tal-Bord tat-Tmexxija.

Il-kontijiet finali għandhom jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-

Unjoni Ewropea sal-15 ta' Novembru tas-sena ta' wara.

Sat-30 ta' Settembru, id-Direttur Eżekuttiv għandu jibgħat twegħiba lill-Qorti tal-Awdituri għall-osservazzjonijiet li tkun għamlet fir-rapport annwali tagħha. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jibgħat din it-twegħiba lill-Bord tat-Tmexxija wkoll.

Id-Direttur Eżekuttiv għandu jippreżenta lill-Parlament Ewropew, fuq talba ta' dan tal-aħħar, kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni bla xkiel tal-proċedura ta' kwittanza għas-sena finanzjarja inkwistjoni, skont l-Artikolu 165(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

4. Il-kontijiet tal-Impriża Konġunta fil-qasam taç-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 għandhom ikunu eżaminati minn korp indipendenti ta' awditu kif stipulat fl-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

Il-kontijiet tal-Impriża Konġunta fil-qasam taç-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 ma għandhomx ikunu soġġetti għal eżami mill-Qorti tal-Awdituri.

Emenda 74

**Proposta għal regolament
Anness 1 – klawżola 17 – punt 4a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Il-Qorti tal-Awdituri għandha tħejji Rapport Annwali Speċifiku dwar l-Impriża Konġunta fil-qasam taç-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2.

Emenda 75

Proposta għal regolament Anness 1 – klawżola 20 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Bord tat-Tmexxija tal-Impriża Konġunta fil-qasam taç-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 **jista'** jadotta regoli għall-prevenzjoni u l-immaniġġjar ta' kunflitti ta' interess fir-rigward tal-Membri, il-korpi u l-persunal tagħha. F'dawk ir-regoli, għandha ssir dispożizzjoni biex ikun evitat kwalunkwe kunflitt ta' interess għar-rappreżentanti tal-Membri li jservu fil-Bord tat-Tmexxija.

Emenda

2. Il-Bord tat-Tmexxija tal-Impriża Konġunta fil-qasam taç-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 **għandu** jadotta regoli għall-prevenzjoni u l-immaniġġjar ta' kunflitti ta' interess fir-rigward tal-Membri, il-korpi u l-persunal tagħha. F'dawk ir-regoli, għandha ssir dispożizzjoni biex ikun evitat kwalunkwe kunflitt ta' interess għar-rappreżentanti tal-Membri li jservu fil-Bord tat-Tmexxija.

Emenda 76

Proposta għal regolament Anness 1 – klawżola 21 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Meta l-Impriża Konġunta fil-qasam taç-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 tkun għaddejja mill-proċess ta' stralċ, l-assi tagħha għandhom jintużaw biex ikopru l-obbligi tagħha u l-ispiża relatata mal-proċess ta' stralċ. Kwalunkwe fdal għandu jitqassam fost il-Membri fiż-żmien tal-proċess ta' stralċ proporzjonalment mal-kontribuzzjoni finanzjarja tagħhom lill-Impriża Konġunta fil-qasam taç-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2. Kwalunkwe fdal bħal dan imqassam lill-Unjoni għandu jiġi ritornat ***lill-baġit*** tal-Unjoni.

Emenda

4. Meta l-Impriża Konġunta fil-qasam taç-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 tkun għaddejja mill-proċess ta' stralċ, l-assi tagħha għandhom jintużaw biex ikopru l-obbligi tagħha u l-ispiża relatata mal-proċess ta' stralċ. Kwalunkwe fdal għandu jitqassam fost il-Membri fiż-żmien tal-proċess ta' stralċ proporzjonalment mal-kontribuzzjoni finanzjarja tagħhom lill-Impriża Konġunta fil-qasam taç-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2. Kwalunkwe fdal bħal dan imqassam lill-Unjoni għandu jiġi ritornat ***lill-programm speċifiku li jimplimenta l-Programm Qafas Orizzont 2020 fi ħdan il-baġit*** tal-Unjoni.

Ġustifikazzjoni

Jekk ikun hemm fdal, ikun opportun li dan jiġi ritornat lill-Programm Qafas Orizzont 2020.

NOTA SPJEGATTIVA

Introduzzjoni

Ir-Rapporteur jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Kunsill dwar "l-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2" (minn hawn 'il quddiem FCH 2 JU) bħala għodda importanti tal-Pakkett għall-Innovazzjoni fil-qafas ta' Orizzont 2020 li tgħin biex tindirizza l-isfidi soċjetali ewlenin li qed tiffaċċja l-Ewropa. Il-proposta tal-Kummissjoni tipprevedi estensjoni tal-FCH 1 JU, li tnediet taħt is-Seba' Programm Qafas, għal perjodu ulterjuri ta' 10 snin. Sa mit-twaqqif tagħha, l-FCH JU wriet il-potenzjal tal-idroġenu bħala vettur effiċjenti tal-enerġija, u l-possibilitajiet li ċ-ċelloli tal-fjuwil jistgħu joffru lill-Ewropa bħala konvertituri biex itejbu s-sigurtà tal-enerġija, inaqqsu l-emissjonijiet perikolużi u jstimolaw it-tkabbir sostenibbli fit-tul.

L-evalwazzjoni interim tal-FCH JU li twettqet fl-2011 mill-Kummissjoni Ewropea wriet li s'issa, l-FCH JU serviet b'suċċess bħala pjattaforma biex toħloq sħubija solida, biex iżżid b'mod aktar effiċjenti l-finanzjament pubbliku u privat u ssaħħa l-involvement tal-industrija, partikolarment l-SMEs, fl-iżvilupp tat-teknoloġiji tal-FCH. Ir-Rapporteur jirrikonoxxi l-progress tekniku kbir u l-kisbiet operazzjonali tal-programm tal-ewwel FCH JU, kif ukoll ir-rekord solidu tal-FCH JU fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE b'mod tajjeb, effettiv u effiċjenti, u jirakkomanda, għalhekk, li din l-esperjenza pożittiva u kostruttiva titkompla bl-approvazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Kunsill dwar l-FCH 2 JU.

It-Teknoloġiji taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu: Opportunitajiet u Sfidi għall-Ewropa

L-idroġenu huwa vettur tal-enerġija, li jista' jintuża bħala fjuwil nadif, u huwa virtwalment bla limitu. L-idroġenu u l-applikazzjonijiet varji tiegħu għandhom il-potenzjal li jipprovdu soluzzjonijiet ewlenin għal sfidi soċjetali prinċipali għall-UE, mis-sigurtà tal-enerġija u t-tibdil fil-klima sal-kompetittività industrijali, l-innovazzjoni u t-tkabbir intelliġenti. Iċ-ċelloli tal-fjuwil jistgħu jservu bħala teknoloġija ta' konverżjoni effiċjenti b'ħafna benefiċċji, kemm għas-settur tat-trasport kif ukoll għal dak tal-enerġija. L-iżvilupp u l-użu b'suċċess ta' teknoloġiji FCH jista' jkompli jipprovdi alternattivi għall-fjuwils fossili u jtejjeb is-sigurtà tal-enerġija tal-UE billi jnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija fit-tul. L-idroġenu prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, u l-elettrożi tal-ilma kkombinata ma' sistemi ta' ċelloli tal-fjuwil jista' jkollhom parti importanti fit-taħlita ta' enerġija futura tal-Ewropa u jistgħu joffru soluzzjonijiet kompetittivi, kemm lokali kif ukoll reġjonali, biex jinkiseb tkabbir intelliġenti u inklussiv.

L-iżvilupp ta' sistema infrastrutturali aktar densa madwar l-UE se jiffaċilita li l-idroġenu jintuża b'mod aktar effiċjenti fi ħdan it-trasport kif ukoll fi ħdan setturi oħra tal-ekonomija, u fl-istess ħin se jqajjem kuxjenza fost il-pubbliku dwar il-benefiċċji potenzjali li t-teknoloġiji FCH jistgħu joffru liċ-ċittadini tal-UE. L-oġettivi u l-attivitajiet tal-FCH JU f'dawn l-oqsma kif proposti mill-Kummissjoni huma mmirati sew biex jindirizzaw dawn l-isfidi u huma konformi mal-prijoritajiet tal-UE konnessi mal-aġenda Ewropa 2020, il-Pjan SET, il-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050 u Ewropa Effiċjenti fir-Riżorsi, fost affarijiet oħra.

L-iżvilupp b'suċċess u sostenibbli u l-użu fuq skala kbira ta' teknoloġiji FCH se jiddependu l-aktar fuq id-disponibbiltà ta' xi materja prima kritika, bħala elementi naturali rari, metalli tal-grupp tal-platinu u metalli b'teknoloġija żviluppata (pereżempju l-indju u l-gallju). L-

iskarsezza ta' dawn il-materjali fil-futur tista' tinbidel frestringiment għall-iżvilupp ta' teknoloġiji FCH. L-objettivi tal-FCH 2 JU, għalhekk, għandhom jintegraw ukoll u jrawmu l-istrateġiji R&D&I mmirati biex isibu sostituti rilevanti u materjali alternattivi fejn hu possibbli, kif ukoll biex jiżviluppaw teknoloġiji avvanzati għall-irkupru effettiv ta' dawn il-metalli minn sorsi Ewropej (inklużi skart u prodotti sekondarji teknoloġiċi). Ir-Rapporteur jirrakkomanda li dawn l-ostakli jiġu kkunsidrati meta wieħed jistabbilixxi l-viżjoni fit-tul tal-użu ta' teknoloġiji FCH biex jiġi żgurat li l-FCH jistgħu jkunu soluzzjonijiet verament sostenibbli fit-tul.

Ir-Rwol tal-FCH 2 JU bħala Strument biex jinkisbu l-Objettivi tal-UE 2020

It-teknoloġiji FCH jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, iżda minkejja l-progress veloċi tas-settur FCH sa mit-twaqqif tal-Impriża Komuni, dawn it-teknoloġiji għadhom mhumiex maturi biżżejjed biex jikkompetu b'kundizzjonijiet ugwali bħal dawk ta' teknoloġiji stabbiliti. Hawnhekk, l-FCH JU wriet il-poter tagħha bħala katalist biex tipprovdi riżultati li pajjiż jew kumpanija probabbli ma jistgħux jakkwistaw waħedhom: billi jżidu l-investment privat b'aktar suċċess, jipprovdu skema ta' finanzjament fit-tul, stabbilit u prevedibbli, inaqqsu r-riskji tal-investment għall-partijiet interessati u jżidu l-veloċità li biha teknoloġiji FCH jilħqu l-maturità tagħhom u s-swieq;

L-esperjenza tal-ewwel FCH JU tindika li l-Impriża Konġunta kellha impatt pożittiv fuq il-ħolqien tal-impjiegi u r-rati ta' impjieg madwar l-UE b'żieda medja ta' 10 % fil-fatturat annwali, żieda medja ta' 8 % fl-infiq R&D, tkabbir annwali ta' 6 % fl-impjiegi u żieda annwali ta' 16 % fi privati mogħtija fl-UE lil kumpaniji tal-UE fis-settur FCH¹. Dawn ix-xerjiet pożittivi juru l-valur miżjud li l-JU toħloq billi tikkombina l-finanzjament pubbliku u dak privat biex tistimula b'mod effettiv l-iżvilupp tat-teknoloġiji FCH u biex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-produzzjoni permezz ta' sforzi ta' R&D. L-Ewropa għandha tisfrutta l-gwadann u l-kapaċità li huma diġà fis-seħħ fis-settur taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu u tuża l-momentum attwali biex tavvanza aktar u b'mod aktar veloċi bl-istadju li jmiss tal-FCH JU bħala pjattaforma ewlenija għat-tkabbir tas-settur.

Ir-Rapporteur jilqa' l-impenji baġitarji tal-Kummissjoni għas-suċċessur tal-FCH JU iżda jixtieq jirrakkomanda li r-Regolament jipprovdi b'mod aktar ċar l-ammonti ta' kontribuzzjonijiet tas-sħab u l-kostitwenti tagħhom minbarra l-Unjoni għall-ispejjeż operazzjonali, għall-kontribuzzjonijiet in natura tal-proġetti u għall-attivitajiet addizzjonali, kif ukoll il-kontribuzzjoni ta' parteċipanti oħra għall-kontribuzzjonijiet in natura tal-proġetti u l-attivitajiet addizzjonali. Huwa jemmen li dan jista' jipprovdi mod aktar kosteffiċjenti għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament, iwassal għal aktar trasparenza, simplifikazzjoni u ċarezza fir-rigward tal-impenji u r-responsabbiltajiet tal-partiċipanti, u b'hekk tkompli tagħmel lill-Impriża Konġunta aktar attraenti sabiex atturi industrijali ġodda jikkontribwixxu għall-attivitajiet tal-Impriża.

Fl-aħħar iżda mhux l-anqas, ir-Rapporteur jixtieq jirrimarka li mekkaniżmi u sforzi kontinwi fuq skala kbira, transnazzjonali, u transsettorjali huma kruċjali biex jiġu żgurati riżultati aktar effiċjenti u koerenza bejn il-programmi u l-istrumenti tal-Istati Membri, u li l-FCH JU toffri pjattaforma importanti għal kooperazzjoni bħal din fis-settur. Minbarra dan, Orizzont 2020 se joffri xi dispożizzjonijiet ġodda għal sinerġiji aħjar bejn il-Programm Qafas u l-Fondi

¹ "Trends in investments, jobs and turnover in the Fuel Cells and Hydrogen sector." FCH JU. Frar 2013.

Strutturali. Dawn jistgħu jintużaw ukoll biex jinħoloq ingranaġġ addizzjonali fil-livell reġjonali. Dan jista' jkun ta' importanza speċjali peress li ċerti Stati Membri tal-UE tal-Punent jistgħu diġà jibbenefikaw minn know-how teknoloġiku u ta' R&D avanzati sew, filwaqt li Stati Membri tal-UE tal-Lvant jistgħu joffru bażi għall-iżvilupp ta' proġetti ta' dimostrazzjoni u proġetti pilota. Il-possibilitajiet għall-ikkomplimentar tal-azzjonijiet, għbir u qsim tal-għarfien, ir-riżorsi u l-infrastruttura tar-riċerka u l-iżvilupp ta' strateġiji ulterjuri (Lvant – Punent) taħt l-awspiċċi tal-Impriża Konġunta, għandhom ikomplu jiġu esplorati waqt il-fażi li jmiss tal-FCH JU.

Il-kwittanza tal-FCH JU

Ir-Rapporteur huwa mħasseb dwar il-fatt li skont il-proposta tal-Kummissjoni, l-FCH 2 JU se tkun korp soġġett għall-Artikolu 209 tar-Regolament Finanzjarju l-ġdid (minflok l-Artikolu 208) u ma tibqax taħt ir-responsabbiltà diretta tal-Parlament u lanqas soġġetta għal verifika esterna mill-Qorti tal-Awdituri kif kien il-każ qabel.

L-esperjenza miksuba mill-operazzjoni tal-FCH JU bħala korp tal-Unjoni skont l-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 turi li l-qafas attwali tal-operat kien flessibbli biżżejjed u adattat b'mod xieraq għall-ħtiġijiet tal-Impriża Konġunta. Ir-Rapporteur, għalhekk, jikkunsidra li l-Impriża Konġunta għandha tkompli topera skont l-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-PE u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li ħa post l-Artikolu 185 tar-Regolament Nru 1605/2002, u għandu jadotta regoli finanzjarji li m'għandhomx jitbiegħdu mill-qafas tar-Regolament Finanzjarju għajr f'ċertu ċirkostanzi kif inhu l-każ bħalissa.

Ir-Rapporteur, għalhekk, jirrakkomanda li l-kwittanza tal-implimentazzjoni tal-baġit fir-rigward tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni lill-FCH 2 JU għandha tingħata mill-Parlament Ewropew, fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill, skond proċedura stabbilita mir-regoli finanzjarji tal-FCH JU. Ir-Rapporteur jemmen li dan huwa aspekk importanti li jiżgura l-awtonomija tal-FCH 2 JU u jagħti lill-Impriża Konġunta biżżejjed libertà biex tmexxi l-proċedimenti tagħha mingħajr piż amministrattiv addizzjonali.

Konklużjonijiet

L-esperjenza tal-FCH 1 JU turi kif ċerti sfidi jistgħu jiġu ttrasformati b'suċċess f'opportunitajiet għall-ħolqien tal-impjiegi, it-ktabbir u l-innovazzjoni fl-UE permezz ta' sforz konġunt u impenn mill-partijiet interessati pubbliċi u privati u l-eżistenza ta' strument adatt għal tali kooperazzjoni. It-teknoloġiji FCH jistgħu joffru ammont ta' soluzzjonijiet Ewropej nodfa, sostenibbli u fit-tul għal diversi sfidi fis-soċjetà, iżda dawn it-teknoloġiji għandhom qed jaffaċċjaw diversi ostakli għal riċerka u innovazzjoni effettivi u għal użu fuq skala kbira. Id-disinn u l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi regolatorji u kummerċjali adegwati, kif ukoll impenn politiku ċar fit-tul huma kruċjali biex iqiegħdu dawn it-teknoloġiji fis-swieq u jimmassimizzaw il-benefiċċji tagħhom għall-futur.

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-estensjoni tal-FCH 1 JU tagħti dan is-sinjal ċar għal impenn aktar fit-tul għal viżjoni madwar l-UE għall-iżvilupp ta' teknoloġiji FCH u sservi ta' strument importanti għall-bini ta' settur FCH aktar b'saħħtu, sostenibbli u globalment kompetittiv fl-UE u biex trawwem it-tmexxija Ewropea f'dawn it-teknoloġiji fuq skala globali.

Ir-Rapporteur jappoġġja l-kontinwazzjoni tal-FCH JU sal-31 ta' Diċembru 2024, bħala

strument kruċjali biex ikompli jimplimenta l-aġenda ta' riċerka u innovazzjoni tal-UE u jibni fuq il-progress miġsub mill-Impriża Konġunta fil-qasam ta' Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu. B'dan il-mod, l-Ewropa se tkun tista' tgawdi mill-benefiċċji għall-futur ta' dawn it-teknoloġiji prinċipali.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	23.1.2014
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 36 -: 0 0: 6
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Amelia Andersdotter, Bendt Bendtsen, Jan Březina, Maria Da Graça Carvalho, Giles Chichester, Jürgen Creutzmann, Christian Ehler, Vicky Ford, Norbert Glante, Fiona Hall, Edit Herczog, Kent Johansson, Romana Jordan, Krišjānis Kariņš, Angelika Niebler, Jaroslav Paška, Aldo Patriciello, Vittorio Prodi, Miloslav Ransdorf, Herbert Reul, Teresa Riera Madurell, Michèle Rivasi, Jens Rohde, Paul Rübig, Salvador Sedó i Alabart, Francisco Sosa Wagner, Konrad Szymański, Patrizia Toia, Evžen Tošenovský, Claude Turmes, Vladimir Urutchev, Kathleen Van Brempt, Alejo Vidal-Quadras, Zbigniew Zaleski
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Badia i Cutchet, Věra Flasarová, Elisabetta Gardini, Jolanta Emilia Hibner, Ivailo Kalfin, Vladko Todorov Panayotov, Lambert van Nistelrooij
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Jean-Paul Basset